# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Gunju 2002

## Avviz numru : 1/2002GT(GM)

**Ludgard u Rosalie konjugi Gatt**

**vs**

**L-Avukat Dottor Anton Refalo li b'digriet tas-27 ta' Frar 2002 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Glen N. Martin**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Prevja dikjarazzjoni li hija dovuta lill-atturi mill-konvenut is-somma ta' elf u hames mitt liri maltin (Lm1,500) bhala hlas tal-kera tal-garage bla numru u bla isem li jifforma parti mill-fond bla numru u maghruf bl-isem "Villa Marni", fi Triq Ir-Rumani, Xlendi, limiti Munxar, Ghawdex, mikri lill-konvenut u liema kera hija dovuta ghas-snin mill-1996 sa 2001, liema kera hija ta' tliet mitt lira maltin (Lm300) fis-sena, li tithallas f'Dicembru u b'lura, tghid il-ghaliex m'ghandekx inti konvenut tkun ikkundannat li thallas din is-somma dovuta lill-atturi ghar-raguni fuq spjegata, u f'liema garage ghad hemm mizmuma l-vettura tal-konvenut tal-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni Z-2773.**

**Bl-imghaxijiet skond il-ligi sal-effettiv pagament u bl-ispejjez tal-kawza kontra l-konvenut."**

**Ra r-risposta:**

**"Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine**

**Jeccepixxi bir-rispett:**

1. **Illi huwa m'huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk jirriserva li jippresenta ir-risposta tieghu ulterjuri meta huwa jkun edott sew dwar l-istess fatti.**

2. **Salvi risposti ohra fid-dritt u fil-fatt."**

**Sema’ d-depozizzjoni guramentata ta’ l-attur li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut u ra d-dokumenti esibiti;**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata ;**

**It-Tribunal jilqa’ t-talba tal-atturi u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ elf u hames mitt liri maltin (Lm1,500) bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lill-atturi quddiem dan it-Tribunal a kariku tal-konvenut, b’dan illi l-kuratur jithallas provizorjament l-onorarju tieghu minghand l-attur.**

**Avukat Grazio Mercieca**
**Gudikatur**

**Deputat Registratur**